# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 17 ta' Marzu, 2021.**

**Numru 9**

**Rikors numru 529/2012/1 AE**

**Anthony Brincat u martu Rita Brincat**

**v.**

**Dr Renzo Porsella Flores u P.L. Davina Sullivan li b'digriet tat-3 ta' Lulju, 2012, ġew nominati bħala kuraturi sabiex jirrappreżentaw il-wirt battal ta' Salvatore Grima li miet fis-27 ta' Novembru 2009**

**Il-Qorti:**

1. Dan huwa appell prinċipali mressaq mill-atturi u appell inċidentali mressaq mill-Kuraturi Deputati minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-2 ta' Diċembru, 2015, fil-kawża fl-ismijiet premessi, li biha u għar-raġunijiet hemm imfissra dik il-Qorti, wara li ċaħdet l-eċċezzjoni ulterjuri tal-preskrizzjoni, laqgħet it-talbiet attriċi u llikwidat is-somma ta'

ħamsin elf ewro (€50,000), flimkien mal-imgħax fuq dik is-somma minn dakinhar, bħala serviġi dovuti lill-atturi mill-wirt ta' Salvatore Grima;

2. Dik il-Qorti waslet għad-deċiżjoni tagħha wara li għamlet il-kunsiderazzjonijiet li ġejjin:

"*1. L-atturi qeghdin jippretendu hlas ghal servigi li qalu li taw lill-mejjet Salvatore Grima li miet fis-27 ta' Novembru 2009 f'incident tat-traffiku, mis-sena 1984.*

*"2.* ***<u>Nuqqas ta' talba biex jigi dikjarat li l-atturi huma ntitolati ghal hlas ta' servigi</u>****.*

*"Dan l-argument tqajjem bla bzonn min-naha tal-kuraturi. Kif gie osservat f'sentenza pubblikata fil-Volum V.166:-*

> *"sono superflue le dichiarazione domandate in una citazione, quando i fatti ai quali si riferiscono le stesse dichiarazioni non presentano alcuna difficolta da richiedere l'ufficio espresso del giudice per la loro risoluzione".*

*"Dikjarazzjoni bhal dik li semmew il-kuraturi, mehtiega sabiex l-atturi jaslu ghat-talbiet li ghamlu fir-rikors guramentat, ma kienx hemm bzonn li fir-rikors guramentat issir taht forma ta' domanda ad hoc (ara wkoll sentenza pubblikata fil-Volum XXXIII.i.666).*

*"3.* ***<u>Eccezzjoni li l-azzjoni hi preskritta skond l-Artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili</u>****.*

*"Fl-20 ta' Jannar 2015 il-kuraturi pprezentaw eccezzjoni ulterjuri li biha nvoka l-estinzjoni tal-azzjoni minhabba l-preskrizzjoni ai termini tal-Artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili.*

*"Fis-sentenza* ***George Sciberras et vs Josephine Spiteri et****, tal-1 ta' April 2015 il-Qorti tal-Appell osservat:*

> *"Il-gurisprudenza in materja hija wahda kostanti fis-sens li hemm lok ghall-preskrizzjoni f'kazijiet ta' servigi jew prestazzjonijiet ohra, avvolja jkun hemm kontinwazzjoni taghhom. U l-Qrati Taghna, anki f'kazijiet recenti, applikaw il-preskrizzjoni kwinkwennali meta hemm kontinwita` tas- servigi. Dan il-principju gie ribadit fis-sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili tas-17 ta' Jannar, 1955 fil-kawza "Agostino Pace et vs Antonio*

> *Agius noe" fejn jinghad espressament li "l-azzjoni ghall-hlas ta' servigi u ghar- restituzzjoni ta' spejjez ghal somministrazzjonijiet maghmula lill-persuna servuta tippreskrivi ruhha f'hames snin; u c-cirkustanza li s-servigi jew somministrazzjonijiet jkunu kontinwi, jew bla interruzzjoni, mhux bizzejjed biex timpedixxi illi l-preskrizzjoni tibda tiddekorri. B'dan li l-kontinwita` jew reiterazzjoni tas-servigi jew somministrazzjonijiet ma tissospendix il-bidu jew il-kors tal-preskrizzjoni, u lanqas ma timporta, ghalkemm accettata mid-debitur, interruzzjoni tal-preskrizzjoni tal-kreditu ghas-servigi jew somministrazzjonijiet anterjuri. Ghaliex l-att ta' persuna li taccetta mill-gdid il- prestazzjonijiet ma jistax iwassal ghall-ammissjoni tad- debitu dwar prestazzjonijiet anterjuri, jew ghal rikonoxximent ta' drittijiet dwar dawk il-prestazzjonijiet anterjuri, jew ghal xi rinunzja ghall-preskrizzjoni tad-dritt naxxenti minn prestazzjonijiet anterjuri".*

*"Hemm provi li juru li Salvatore Grima kellu l-intenzjoni li jiehu hsieb l-atturi. Hekk per ezempju:*

*"**Charles Scerri** – "Nikkalkula illi Salvu kellu xi erbgha u sebghin sena. Mhux zmien twil qabel il-mewt tieghu, forsi xi tmien xhur, niftakar lil Salvu jghidli: 'irrid niehu hsieb dawk iz-zewg angli li ghandi'. Taz-zewg angli dejjem nismaghha. Ma jidhirlix illi kien hemm nies ohra illi qeghdin jaghtu l-ghajnuna lil Salvu" (fol. 202).*

*"**Charles Bugeja** – "Salvu kien ighidli 'Allahares m'humiex huma'. Qed nirreferi hawn ghall-atturi. Kien isemmi illi li ghandu ghalihom kien" (fol. 204).*

*"**Michael Pace** – "Hu kien ighidli 'imnalla hemm l-atturi ghalija'. Sal-ahhar zminijiet ta' hajtu jien dan ir-ragel bqajt niltaqa' mieghu. Kien isemmieli li Tony u Rita ghamlu l-gid mieghu u li jekk jigi biex jaghmel testment irid jiftakar fihom minhabba l-gid li ghamlulu" (fol. 206).*
***Vivian Mercieca** – "Salvu kien ighid illi Allahares ma kinitx Rita ghalih. Qalli 'pero jien ghad inpattihulha'" (fol. 208).*

*"Mehud in konsiderazzjoni dawn il-provi, il-qorti tikkonkludi li Salvatore Grima kien rikonoxxenti ghal dak li kienu jaghmlu mieghu l-atturi u ried li jpattilhom ghal generozita' taghhom matul is-snin. 'Il fatt li m'ghamilx testment ma jeskludix tali ntenzjoni, meqjus ukoll li jidher li kien xettiku li jaghmlu ghaliex kien jibza' li jmut[1]. Minn dawn il-brani hu evidenti li Salvatore Grima kien jaccetta li hu debitur tal-atturi. Sfortunatament miet f'disgrazja u baqa' ma kkumpensax lill-atturi.*

*"4.* ***<u>Meritu</u>***.

[1] Ara deposizzjoni ta' Carmel u Doreen konjugi Vella fis-seduta tal-15 ta' Gunju 2015.

*"Mill-provi rrizulta li fuq firxa ta' snin twal l-atturi kienu ghamlu hafna gid ma' Salvatore Grima. Jidher li maz-zmien kien sar qiesu membru tal-familja taghhom. Hekk per ezempju wara li xtara l-appartament f'Bugibba, matul ix-xhur tas-sajf kienu jmorru jghixu mieghu fl-appartament.*

*"Hu fatt li mill-provi l-qorti fehemet li Salvatore Grima ma kienx bniedem dipendenti. Fil-fatt hu kellu hanut tat-te' gewwa Hal Qormi u kien ighix wahdu. Baqa' jmexxi n-negozju sal-ahhar. Min-naha l-ohra pero hu wkoll evidenti li l-atturi kienu jaqduh f'dak li kien ikollu bzonn. Dejjem sab lill-atturi lesti jghinuh. Jirrizulta kif per ezempju:*

*"kien johrog maghhom;*
*"l-attrici kienet darbtejn kuljum tatih x'jiekol. Ghalkemm l-attrici qalet li minhabba fih ma kinitx sabet impjieg, il-qorti m'hijiex konvinta minn tali verzjoni. Kif irrizulta mill-provi Grima kien ragel f'sahhtu li kien jaf ifendi ghal rasu. Mill-ghajnuna li kien jinghata l-qorti ma fhemitx li c-cirkostanzi kienu tali li l-attrici kienet kostretta ma ssibx impjieg;*
*"matul ix-xitwa kienet tmur tnaddaf l-appartament ta' Bugibba darba fix-xahar;*
*"l-attrici kienet tmur tigborlu l-medicina;*
*"l-attur kellu prokura minghand Salvatore Grima u kien imur jaqdih il-bank;*
*"l-atturi taw lil Salvatore Grima ambjent ta' familja, ambjent li ma kellux peress li baqa' guvni u jidher li l-familjari tieghu kienu mejtin;*
*"ghenuh biex jarreda l-appartament ta' Bugibba. Jidher li l-fond inxtara ghaxar (10) snin qabel miet Salvatore Grima. Matul ix-xhur tas-sajf l-atturi kienu jghixu fih flimkien ma' Grima. Ghalkemm l-atturi qalu li ghamlu spejjez minn buthom biex arredawh, il-qorti ghandha d-dubju meta tqies li Doris McKay, oht l-attrici, xehedet li: "Biex xtraw l-affarijiet tal-post, Salvu kien jatihom il-flus" (fol. 194). Dan flimkien mal-fatt li ma gewx prezentati ricevuti tal-ispejjez li l-atturi qalu li ghamlu, inissel id-dubju. Wiehed ma jridx jinsa li ghal dawk is-snin kollha l-atturi gawdew il-proprjeta minghajr ebda hlas, in kwantu bis-sahha ta' Salvatore Grima kellhom villeggatura ghax-xhur tas-sajf.*

*"5.* ***Likwidazzjoni tal-hlas dovut lill-atturi bhala servigi****.*

*"Wara li l-qorti qieset it-tip ta' servigi li l-atturi pprestaw lil Salvatore Grima, il-perjodu li damu jaghtu s-servigi, il-konsistenza tal-patrimonju tieghu, 'il fatt li ma kienux parentela ta' Grima u spejjez li setghu ghamlu, ser tillikwida s-servigi fis-somma ta' hamsin elf ewro (€50,000). Ghalkemm iben l-atturi ikkalkola l-hlas li jippretendu l-genituri tieghu[2], il-qorti hi tal-fehma li l-pretensjoni hi ezagerata u barra minn postha u ntiza biss biex dak li l-atturi ma rnexxielhomx jiehdu minhabba li Salvatore Grima m'ghamilx testment, jipprovaw jiehduh b'din is-sentenza. Il-likwidazzjoni ta' servigi ma ssirx b'dak il-mod. F'dan ir-rigward issir*

[2] Fol. 151-158.

*riferenza ghal sentenza tal-Qorti tal-Appell tad-29 ta' Novembru 2013 fil-kawza* ***Maria Lourdes Brincat vs Giuseppe Brincat et****:*

*"kif qalet tajjeb is-sentenza Catania v. Agius (supra) wiehed ma jistax jillikwida l-kumpens a bazi ta' salarji prevalenti fiz-zmien in kwistjoni ghaliex ir-relazzjoni guridika bejn il-partijiet m'hijiex wahda kuntrattwali izda kwazi kuntrattwali….*";

3. L-atturi ħassewhom aggravati bl-imsemmija sentenza u b'Rikors tal-Appell imressaq minnhom fil-21 ta' Diċembru, 2015, u għar-raġunijiet hemm imfissra, talbu li din il-Qorti jogħġobha tilqa' l-appell tagħhom billi (i) tvarjaha safejn illikwidat il-valur tas-serviġi mogħtija u tillikwida somma ogħla bħala kumpens lilhom xieraq li jieħu qies taż-żmien twil li matulu ngħataw l-imsemmija serviġi, l-għarfien li ngħata ta' tali serviġi mill-persuna megħjuna u t-telf li ġarrbu fi spejjeż biex taw l-istess serviġi; u billi (ii) tikkonfermaha għall-bqija safejn ċaħdet l-eċċezzjonijiet kollha mressqa mill-intimati Kuraturi Deputati u safejn laqgħet it-talbiet attriċi, u dan bl-ispejjeż ta' din l-istanza wkoll ikunu għall-wirt tal-mejjet Salvatore Grima;

4. Il-Kuraturi Deputati laqgħu għall-imsemmi appell bi Tweġiba mressqa fil-11 ta' Frar, 2016, u li biha huma qalu li ma jaqblux li l-kumpens mogħti mill-ewwel Qorti jmissu jiżdied. Għall-kuntrarju, jisħqu li għal biċċa sewwa miż-żmien li l-ewwel Qorti qieset biex illikwidat l-imsemmi ammont, kienet laqtet il-preskrizzjoni u għalhekk l-ammont xieraq likwidat kellu jkun anqas, u mhux aktar;

5. Il-Kuraturi Deputati nqdew mill-istess Tweġiba biex ressqu Appell Inċidentali li bih, u għar-raġunijiet hemm imfissra, talbu li din il-Qorti tiċħad l-appell tal-atturi u tilqa' l-appell inċidentali tagħhom billi tilqa' l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni u tbaxxi l-ammont ta' kumpens likwidat għas-serviġi pretiżi mill-atturi;

6. L-atturi ma ressqux Tweġiba għall-Appell Inċidentali tal-Kuraturi Deputati;

7. Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet waqt is-smigħ tas-16 ta' Frar, 2021;

8. Rat l-atti kollha tal-kawża;

9. Rat li l-appelli tħallew għal-lum għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

10. Illi din hija azzjoni għal-likwidazzjoni u l-ħlas tas-serviġi. L-atturi appellanti talbu li l-Qorti tagħraf li huma taw għajnuna lil wieħed Salvatore Grima għal għadd ta' snin sa ma miet f'inċident tat-triq, u kif ukoll li daħlu f'nefqiet biex tejbu post tiegħu f'San Pawl il-Baħar fl-aħħar għaxar snin ta' ħajtu. Billi kien ilu jwiegħed li jikkumpensahom u, jgħidu, kien saħansitra

wegħedhom li jħallilhom ġidu f'testment, kellhom jagħmlu din il-kawża wara mewtu għaliex irriżulta li hu ma kienx laħaq għamel testment li jħallihom werrieta tiegħu, għalkemm miet testat[3] u fih ħalla b'werrieta universali tiegħu lil oħtu xebba li, madankollu, mietet snin qablu[4]. L-ewwel Qorti laqgħet it-talbiet marbuta mal-likwidazzjoni tas-serviġi, imma ma laqgħetx dawk marbuta mar-rifużjoni tan-nefqiet li saru fil-post. Min-naħa tagħhom, il-Kuraturi Deputati maħtura biex jidhru għall-wirt battal ta' Grima laqgħu għall-azzjoni billi qalu li jidher li l-atturi naqsu li jagħmlu talba espressa għal dikjarazzjoni li jistħoqqilhom jingħataw kumpens għas-serviġi u, aktar 'il quddiem, billi qalu li l-pretensjonijiet tal-appellanti kienu milquta bil-preskrizzjoni tal-ħames snin skont l-Artikolu 2156(f) tal-Kodiċi Ċivili. L-ewwel Qorti ma laqgħet l-ebda waħda minn dawn iż-żewġ eċċezzjonijiet;

11. Illi fl-**appell tagħhom l-atturi** jressqu sostanzjalment **żewġ aggravji** għalkemm jinsġuhom flimkien. Fl-ewwel lok, jilmintaw essenzjalment mis-somma likwidata mill-ewwel Qorti bħala ħlas dovut lilhom u jgħidu li dik il-Qorti ma tatx każ biżżejjed tat-tul ta' żmien li huma kienu damu jgħinu u jżommu kumpanija lil Grima u tal-għamla ta' serviġi li tawh tul dak iż-żmien. Huma jisħqu li Grima kien jagħraf fid-dieher dak li kienu jagħmlu miegħu u jistqarr ma' kulħadd li kien lest li jħallas sal-ogħla ammont u jikkumpensahom b'kulma kellu, "addirittura permezz ta'

[3] Dok f'paġġ. 27 – 9 tal-proċess
[4] Dok f'paġ. 32 tal-proċess

laxxitu sħiħ ta' ġidu" lilhom. Jgħidu li, għall-medda ta' żmien li damu jduru bi Grima, l-ewwel Qorti ġiet li ikkumpensathom biss bir-rata ta' elfejn ewro (€ 2,000) fis-sena għal dak li għamlu. Aggravju ieħor tagħhom hu li l-ewwel Qorti ma qisitx li kien hemm nefqiet li ħarġu minn buthom biex ramaw u għammru l-appartament li Grima kellu f'San Pawl il-Baħar u n-nefqiet li saru fl-okkażjoni tal-funerali tiegħu li huma jgħidu li tħallsu minn bwiethom;

12. Illi l-Kuraturi Deputati laqgħu għal dawk l-aggravji billi qalu li, kieku kien għall-atturi, l-ewwel Qorti tathom daqslikieku kienu tħallew werrieta ta' Grima u l-pretensjonijiet tagħhom kienu lil hinn minn kull talba diċenti f'każ ta' għoti ta' serviġi. Minbarra dan, dik is-somma likwidata kienet waħda aktar minn xierqa, jekk kemm-il darba wieħed iqis li tirreferi għal żmien li kien milqut bil-preskrizzjoni. Dwar it-talba għall-kumpens tan-nefqiet magħmula, qalu li l-ewwel Qorti għamlet sew li ma laqgħethiex billi l-appellanti ressqu xhieda ma taqbilx dwar dan u, fuq kollox, naqsu li jippruvaw l-infieq allegatament magħmul b'riċevuti u provi oħrajn tajba;

13. Illi l-Qorti tqis li l-appell tal-atturi jissejjes kollu kemm hu fuq l-aspett tal-apprezzament tal-provi li wettqet l-ewwel Qorti fis-sentenza appellata. Din il-Qorti ma tħossx il-ħtieġa li toqgħod ittenni fit-tul x'inhuma ċ-ċirkostanzi stabbiliti biex qorti tat-tieni istanza tgħarbel u tistħarreġ l-apprezzament tal-provi li qorti tal-ewwel istanza tkun għamlet dwar l-atti

u l-provi li jkunu tressqu quddiemha. L-appellanti ma ressqu l-ebda argument ġdid biex juri li l-ewwel Qorti wettqet eżerċizzju ħażin tal-liġi li tgħodd għall-każ jew ħaddmet il-fehma tagħha biex tiżen il-provi li l-partijiet (l-aktar, l-istess atturi appellanti) kienu ressqu quddiemha b'mod mhux raġonevoli. Jingħad ukoll li l-atturi ma kinux formalment ressqu sottomissjonijiet biex jargumentaw il-każ tagħhom qabel ingħatat is-sentenza appellata, minkejja li ngħataw l-opportunità li jagħmlu dan u kienu biss il-Kuraturi Deputati li ressqu sottomissjonijiet bil-miktub għall-kunsiderazzjoni tal-ewwel Qorti. Din il-Qorti ma jidhrilhiex li għandha tħalli lill-appellanti li jinqdew b'aggravju kontra s-sentenza appellata f'din l-istanza biex jerġgħu jiftħu mill-ġdid il-proċess tal-evalwazzjoni tal-provi u ta' kostatazzjonijiet fattwali li ma ntweriex li sar ħażin;

14. Illi l-Qorti lanqas ma taqbel mal-atturi appellanti li l-likwidazzjoni kellha tkun bħallikieku Grima kien ħallihom b'werrieta universali ta' ġidu. Dak li seta' qal matul ħajtu dwar il-ħsieb tiegħu li jiftakar fihom wara mewtu, flimkien mal-fatt li hu ma kellu 'l ħadd bħala qarib lil min iħalli b'werriet, ma jissarrafx f'jedd li l-likwidazzjoni tkun estiża għall-valur tal-wirt kollu. Minn kliem l-appellanti, huma jippretendu xejn anqas minn dan. Dawk il-wegħdiet, jekk ippruvati, jservu biex toħroġ ir-rieda tal-megħjun biex jikkumpensa lil min kien qed jgħinu u jdur bih, imma żgur mhux li tikkostitwixxi xi jedd kweżit għall-kisba tal-ġid tiegħu. L-azzjoni attriċi hija waħda msejsa fuq parametri preċiżi u distinti minn dik fejn persuna titlob

it-tħollija lilha tal-ġid ta' wirt: f'din l-azzjoni, u sewwasew minħabba n-natura tagħha, l-atturi appellanti mexxew bħala kredituri tal-wirt u mhux bħala titolari tiegħu, f'liema każ it-talbiet tagħhom riedu jsiru mod ieħor;

15. Illi għalhekk, l-aggravji tal-atturi appellanti ma humiex mistħoqqa u m'humiex se jintlaqgħu;

16. Illi l-Qorti se tqis issa l-**appell inċidentali** tal-Kuraturi Deputati. Fl-imsemmi appell tagħhom huma jqajmu **żewġ aggravji** distinti. L-ewwel wieħed hu li l-ewwel Qorti warrbet għal kollox l-eċċezzjoni ulterjuri tal-preskrizzjoni tal-pretensjonijiet attriċi; it-tieni wieħed hu li dik il-Qorti naqset li tapprezza n-natura essenzjali tal-kważi-kuntratt bħala s-sies tal-azzjoni attriċi;

17. Illi fl-**ewwel aggravju** tagħhom il-Kuraturi appellanti jilmintaw mill-fatt li, biex ċaħdet l-eċċezzjoni tagħhom tal-preskrizzjoni tal-ħames snin, l-ewwel Qorti ċċitat minn sentenza ta' din il-Qorti[5] (li, min-naħa tagħha, iċċitat minn sentenza oħra mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili xi żmien qabel[6]), imma ma komplietx tiċċita minnha għal kollox u li l-biċċa li ma semmietx kienet titfa' dawl xieraq fuq is-siwi tal-eċċezzjoni mressqa minnhom. Huma jisħqu li l-paragrafu maqbuż (li huma jiċċitaw fir-Rikors

[5] App. Ċiv. **1.4.2005** fil-kawża fl-ismijiet ***George Sciberras et noe v. Josephine mart Leonard Spiteri et***
[6] P.A. **17.1.1955** fil-kawża fl-ismijiet ***Paċe et v. Aġius noe*** (Kollez. Vol: **XXXIX.ii.515**)

tal-Appell Inċidentali tagħhom) kien jittalja preċiż mas-sitwazzjoni f'din il-kawża u fejn l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni kienet intlaqgħet;

18. Illi l-atturi ma ressqux Tweġiba għall-Appell Inċidentali tal-Kuraturi, minkejja li laqgħu n-notifika tiegħu fil-25 ta' Frar, 2016[7];

19. Illi l-Kuraturi appellanti sejsu l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni tal-azzjoni attriċi fuq is-saħħa tal-Artikolu 2156(f) tal-Kodiċi Ċivili. Dan huwa l-artikolu tal-liġi li sa minn ħafna żmien ilu l-Qrati tagħna sabu li jistabilixxi ż-żmien preskrittiv għal talbiet dwar ħlas ta' serviġi mwettqa[8];

20. Illi f'materja ta' talbiet għal kumpens ta' għoti ta' serviġi r-regola hi li ż-żmien preskrittiv huwa ta' ħames snin[9]. Dan jgħodd ukoll minkejja li s-serviġi jkunu baqgħu jingħataw tul medda ta' żmien[10]. Iżda dik il-preskrizzjoni tinkiser b'kull mod magħruf mil-liġi bħala raġuni li twaqqaf iż-żmien tal-preskrizzjoni (kemm jekk b'att ġudizzjarju u kif ukoll bl-għarfien tal-obbligazzjoni min-naħa tal-persuna megħjuna[11]). Madankollu, wieħed irid jiddistingwi bejn l-għarfien bħala stqarrija espressa tal-obbligazzjoni, mill-fatt tal-aċċettazzjoni tas-servizz mogħtija lill-persuna li tkun;

---

[7] Riferta f'paġ. 242 *tergo* tal-proċess

[8] App. Ċiv. **23.1.1959** fil-kawża fl-ismijiet ***Portelli v. Galea*** (Kollez. Vol: **XLII.i.66**); App. Ċiv. **8.1.1960** fil-kawża fl-ismijiet ***Fenech et v. Beżżina*** (Kollez. Vol: **XLIV.i.1**) u P.A. JSP **21.2.1994** fil-kawża fl-ismijiet ***M. Theresa Cordina et v. Salvatore Abdilla*** (mhix pubblikata) fost ħafna oħrajn

[9] App. Ċiv. **4.6.1948** fil-kawża fl-ismijiet ***Caruana v Scicluna et*** (Kollez. Vol: **XXXIII.i.285**)

[10] Art. 2151(1) tal-Kap 16

[11] Ara, per eżempju, P.A. **22.5.1946** fil-kawża fl-ismijiet ***Xuereb v. Sacco et noe*** (Kollez. Vol: **XXXII.ii.342**)

21. Illi hawnhekk jidħol il-qofol tal-aggravju tal-Kuraturi appellanti mis-sentenza appellata safejn ċaħditilhom l-imsemmija eċċezzjoni ulterjuri tal-preskrizzjoni mqajma minnhom. Dan jingħad għaliex, jekk min irċieva s-servizzi kien għaraf dan il-fatt f'xi att pubbliku, ma jistax iqanqal il-preskrizzjoni tal-pretensjoni għall-ħlas magħmula minn min ikun ta s-servizzi. Sakemm dak l-att ma jitħassarx b'ieħor, iż-żmien tal-preskrizzjoni jkun wieqaf. B'mod partikolari, jekk f'testment jitħalla legat ta' ħlas lil xiħadd għal servizzi mogħtija lit-testatur, dak il-legat għandu s-saħħa ta' dikjarazzjoni affermattiva ta' stqarrija ta' kumpens[12]. Iżda fejn l-għarfien ma jkunx sar b'att pubbliku, il-kwestjoni tieħu xejra oħra. L-għarfien mhux bilfors iseħħ b'kitba f'dan is-sens, iżda jista' jsir bil-fomm[13], għalkemm il-prova ta' dan trid tkun aktar qawwija u ċara minn sempliċi riferenza għal xi diskors ġeneriku jew impliċitu[14];

22. Illi madankollu f'dan ir-rigward il-fatt waħdu li l-persuna debitriċi tal-obbligazzjoni tkun baqgħet taċċetta l-qadi li jkun sar magħha mhux dejjem jissarraf fl-għarfien tal-obbligazzjoni tagħha lejn min ikun qiegħed jaqdiha. Kemm hu hekk qamet matul is-snin il-kwestjoni jekk kemm-il darba dik l-aċċettazzjoni twaqqax il-preskrizzjoni dwar serviġi li jkunu ngħataw fi

---

[12] P.A. DS **2.10.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Catherine Coleiro v. Francesca Saveria Balzan et*** (mhix pubblikata)
[13] App. Ċiv. **16.9.1994** fil-kawża fl-ismijiet ***Vella et v. Borġ noe et*** (Kollez. Vol: **LXXVIII.ii.260**), P.A. **6.10.1997** fil-kawża fl-ismijiet ***Formosa et v. Gauċi et*** (Kollez. Vol: **LXXXI.iii.217**) fost bosta oħrajn
[14] Ara P.A. LFS **17.3.2010** fil-kawża fl-ismijiet ***Maria Lourdes Brincat v. Giuseppe Brincat et*** (mhix appellata)

żmien ta' qabel[15]. Jidher li x-xejra preponderanti tad-deċiżjonijiet f'dan ir-rigward hi fis-sens li dik l-aċċettazzjoni ma żżommx ħajja l-pretensjonijiet ta' kumpens dwar serviġi li jkunu saru fi żmien aktar qabel minn ħames snin. Għalhekk, f'dak il-każ, iż-żmien li jrid jitqies għall-ħlas tal-kumpens irid ikun l-aħħar ħames snin qabel ma dak il-qadi jkun intemm[16]. Meta l-persuna li magħha saru s-serviġi tkun hekk baqgħet tingħata s-serviġi sa ma mietet, dak iż-żmien jitkejjel minn ħames snin qabel il-mewt tagħha[17];

23. Illi l-ewwel Qorti sabet li Salvatore Grima kien għaraf l-impenn tal-atturi appellanti f'dak li kienu jagħmlu miegħu u qieset li dan l-għarfien kien biżżejjed biex jikser iż-żmien preskrittiv u li b'hekk "kien aċċetta li hu debitur tal-atturi". Hawnhekk ukoll, dik il-fehma tirrappreżenta l-apprezzament tal-fatti magħmul mill-ewwel Qorti u dak li ngħad aktar qabel dwar l-aggravji tal-atturi appellanti, jgħodd bl-istess qawwa hawn ukoll. Imma b'daqshekk ma jfissirx li l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni sfat bla siwi. Jekk kien hemm tabilħaqq għarfien min-naħa ta' Grima, dan kien jikser il-preskrizzjoni, u mhux jimpediha u wisq anqas jissospendiha. Imma kull ksur tal-preskrizzjoni ma jżommx milli l-preskrizzjoni tista' tibda miexja mill-ġdid[18];

---

[15] P.A. **17.1.1955** fil-kawża fl-ismijiet ***Paċe et v. Aġius noe*** (Kollez. Vol: **XXXIX.ii.515**)
[16] Maġ (Għ) AE **26.9.2007** fil-kawża fl-ismijiet ***Ġiovanna Ħili v. Emanuel Cardona et*** (mhix appellata)
[17] App. Ċiv. **1.4.2005** fil-kawża fl-ismijiet ***Ġeorge Sciberras et v. Josephine mart Leonard Spiteri et***
[18] Art. 2136(2) tal-Kap 16

24. Illi, għalhekk ukoll, bit-tħaddim tar-regoli tal-liġi, dan ifisser li mqar jekk Grima għamel dikjarazzjoni f'dan is-sens dakinhar li tilef ħajtu b'daqqa ta' karozza, iż-żmien tal-preskrizzjoni reġa' beda miexi minn dakinhar, ukoll jekk tali dikjarazzjoni kienet tikkostitwixxi rinunzja tal-preskrizzjoni li kienet laħqet għalqet żmien qabel[19]. Din il-Qorti għalhekk issib li l-Kuraturi appellanti jgħidu sewwa meta jisħqu li l-pretensjonijiet attriċi ma jistgħux imorru lura għal aktar minn ħames snin minn dakinhar li Grima miet. Grima miet fis-27 ta' Novembru tal-2009. L-atturi fetħu l-kawża fit-28 ta' Mejju, 2012, jiġifieri sentejn u nofs wara l-mewt ta' Grima. Ma ssemma bl-ebda mod u lanqas tressqet prova li, wara l-mewt ta' Grima, l-atturi għamlu xi talba ġudizzjarja għal-likwidazzjoni u l-ħlas tas-serviġi pretiża minnhom sa dakinhar li fetħu l-kawża. Il-kawża hija talba ġudizzjarja li tikser iż-żmien preskrittiv[20], imma ma terġax tagħti ħajja għal dak li jkun diġa` preskritt;

25. Illi minħabba dawn il-kunsiderazzjonijiet u l-prinċipji legali li joħorġu minnhom, il-Qorti ssib li l-aggravju tal-Kuraturi appellanti huwa mistħoqq u li t-talba attriċi għall-ħlas ta' serviġi tista' tgħodd biss dwar iż-żmien ta' sentejn u nofs qabel il-mewt ta' Salvatore Grima;

26. Illi t-**tieni aggravju** tal-Kuraturi appellanti jirrigwarda n-natura tal-azzjoni miftuħa mill-atturi appellanti. Huma jgħidu li azzjoni bħal dik

[19] Kumm. **27.6.1964** fil-kawża fl-ismijiet ***Buttiġieġ v. Manġion*** (Kollez. Vol: **XLVIII.iii.1428**)
[20] Art. 2132(1) tal-Kap 16

imressqa mill-atturi appellanti hija msejsa fuq il-kważi-kuntratt u għalhekk fil-kejl li jittieħed biex issir il-likwidazzjoni xierqa tas-serviġi mogħtija, iridu jitqiesu bosta fatturi li jirrigwardaw il-każ partikolari li jkun. Huma jgħidu li, meqjusa l-kundizzjonijiet ta' Salvatore Grima, il-kumpens stabbilit mill-ewwel Qorti ma jistax jissejjaħ moderat, imma għal kollox eżorbitanti;

27. Illi l-Qorti tirrileva li azzjoni bħal dik imressqa mill-atturi appellanti ma tinbeniex biss fuq il-kważi-kuntratt. Azzjoni bħal dik treġi fuq żewġ sisien: jiġifieri, fuq il-kważi-kuntratt u fuq il-preżunzjoni li min jagħti servizz lil ħaddieħor jagħmel hekk bil-fehma li jitħallas ta' dak li jagħmel[21]. Minbarra dan, ilu żmien twil aċċettat li l-ħlas ta' serviġi jista' jkun dovut mhux biss *jure actionis*, jiġifieri meta huwa miftiehem, imma wkoll *officio judicis*, jiġifieri meta miċ-ċirkostanzi jkun jidher sewwa li min ta dak is-servizz ried li jitħallas tiegħu[22] jew kien imwiegħed ħlas għalih. Biex wieħed jasal biex jara jekk persuna kellhiex il-fehma jew l-istennija li titħallas, għandu jitqies il-waqt meta ngħataw tali servizzi, għaliex iċ-ċirkostanzi li jseħħu wara ma jservux biex joħolqu b'lura dritt ta' fehma li ma kinitx l-intenzjoni tal-partijiet li joħolqu[23];

---

[21] Ara, per eżempju, P.A. CS **11.7.1984** fil-kawża fl-ismijiet ***Anthony Cassar v. Lawrence Seychell*** (mhix pubblikata)

[22] P.A. **3.10.1935** fil-kawża fl-ismijiet ***Mifsud v. Briffa noe*** (Kollez. Vol: **XXIX.ii.664**) u P.A.DS **13.2.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***George Sciberras et v. Josephine Spiteri et***

[23] P.A. **6.10.1954** fil-kawża fl-ismijiet ***Deidun v. Poggi et*** (Kollez. Vol: **XXXVIII.ii.568**) u App Ċiv. **22.5.1989** fil-kawża fl-ismijiet ***Carmel Delicata et v. Anthony Saliba pro et noe*** (mhix pubblikata)

28. Illi l-allegazzjoni li ma kienx hemm ftehim m'hijiex ta' xkiel għal sejbien ta' responsabbilta` għall-ħlas ta' serviġi. Għalhekk, wieħed irid iqis iċ-ċirkostanzi kollha li fihom ikunu ngħataw is-servizzi biex minnhom wieħed jipprova jsib x'kienet tassew il-fehma kemm ta' min ta s-servizz u, wisq aktar, ta' min lilu jkunu ngħataw[24];

29. Illi, fuq kollox, il-fatt li jista' jkun hemm rabta ta' qrubija bejn min jagħti u min jirċievi s-servizzi, jista' u ġeneralment ifisser li tali servizzi saru bit-tama tal-ħlas jew kumpens xieraq. F'dan ir-rigward illum il-ġurnata huwa stabilit li kull serviġi, wkoll mogħtijin lill-qraba ta' dak li jkun, jitqiesu li jkunu ngħataw bit-tama ta' kumpens jew ħlas sakemm ma jintweriex bla ebda dubju li dak il-qadi ngħata bla ħsieb ta' kumpens jew ħlas[25];

30. Illi l-fatt li min ta s-servizzi kellu fi ħsiebu xi għamla ta' għarfien ieħor minbarra ħlas dirett (bħal, per eżempju, it-tama li jitħalla bħala werriet jew legatarju jew benefiċjarju b'xi titolu li jkun mill-wirt tal-persuna mgħejjuna) huwa element indikattiv tal-fehma tan-non-gratuwita` tas-servizz mogħti, ukoll jekk dik it-tama jew wegħda li tkun saritlu tisfuma fix-xejn għal raġuni li l-persuna li serviet ma jkollhiex kontroll fuqha[26]. Din il-kunsiderazzjoni jidher li tgħodd ħafna għall-fattispeċi tal-każ li l-Qorti għandha quddiemha;

---

[24] P.A. PS **28.5.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Anthony Schembri et v. Aldo Busuttil***

[25] Ara, per eżempju, P.A. RCP **25.4. 2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Caruana v. Mallia*** (Kollez. Vol: **LXXXVI.iii.174**) u TM **11.12.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Anthony Catania pro et noe v. Maria Aġius***

[26] P.A. PS **28.3.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Francis Borġ v. Carmen Gaffiero et***

31. Illi l-Qorti tagħraf ukoll li l-kejl imħaddem mill-qrati biex jaslu għal-likwidazzjoni tal-kumpens għall-għoti ta' serviġi jaf jinbidel minn żmien għal żmien u minn każ għal każ. Madankollu, tajjeb li jingħad li fost il-kriterji magħrufa[27] li xieraq jitqiesu meta wieħed jiġi biex ikejjel il-kumpens dovut, wieħed isib (i) il-frekwenza u x-xorta tas-serviġi mogħtija, (ii) il-mezzi tal-persuna megħjuna, (iii) il-grad ta' qrubija bejn min jaqdi u l-persuna mgħejjuna, (iv) il-kedda u t-tbatija involuti biex jingħataw is-serviġi li dwarhom jintalab kumpens, (v) il-grad ta' ħila jew speċjalizzazzjoni meħtieġa biex jingħataw tali serviġi, (vi) jekk xi qadi jidħolx għalih kulħadd jew jekk iġibx stmerrija f'min jintalab jagħmlu minħabba li jkun "*di bassa lega*", (vii) jekk mal-għoti tas-serviġi l-persuna tkunx ukoll daħlet fi spejjeż jew infieq minn butha, u (viii) jekk il-persuna moqdija tkunx fi stat ta' saħħa mwiegħer jew ta' dgħjufija li jkollha bżonn min idur biha f'kulma teħtieġ;

32. Illi minn qari tas-sentenza appellata joħroġ li l-ewwel Qorti semmiet x'kienu ċ-ċirkostanzi li qieset biex waslet għal-likwidazzjoni aħħarija tal-pretensjoni attriċi. Kollha kemm huma jaqgħu fost il-kriterji li ssemmew qabel. Dik is-sentenza għarfet ukoll li l-kejl tal-kumpens joħroġ mill-indoli ta' kważi-kuntratt li jrieġi r-relazzjoni ġuridika ta' bejn il-partijiet[28]. F'dan

[27] P.A. GV **31.5.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Annunziata Brincat v. Joseph Aquilina noe*** fost bosta oħrajn
[28] App. Ċiv. **29.11.2013** fil-kawża fl-ismijiet ***Maria Lourdes Brincat v. Giuseppe Brincat et***

il-każ ukoll, ħafna minn dak l-eżerċizzju jiddependi mid-diskrezzjoni tal-ġudikant fl-evalwazzjoni tal-provi li, kif ingħad, din il-Qorti tat-tieni istanza ma taqbadx u twaqqa' kif ġieb u laħaq. Ma hemmx dubju li ntwera li l-ġid ta' Grima kien x'aktarx konsistenti, ukoll jekk sa xi xhur wara mewtu nġibdu somom mhux żgħar mill-kontijiet bankarji tiegħu b'mod illegali. Imma l-ewwel Qorti kienet marbuta tqis il-konsistenza ta' wirtu kif kien dakinhar li miet. Jidher ukoll li s-somma likwidata mill-ewwel Qorti kienet taħseb għal kumpens fuq firxa ta' għexur ta' snin. Kemm hu hekk, dan wassal għall-ewwel aggravju tal-atturi appellanti li lmentaw li €50,000 f'kumpens għal dak iż-żmien kollu li damu jduru bi Grima ma kienx kumpens biżżejjed;

33. Illi l-Qorti tqis li, safejn jirrigwarda dan it-tieni aggravju, ma jirriżultax li l-ewwel Qorti mxiet b'mod mhux korrett fit-tfassil tal-kumpens jew li warrbet minn quddiemha n-natura tal-azzjoni mressqa mill-atturi appellanti. Għalhekk, dan l-aggravju ma jidhirx mistħoqq. Madankollu, ladarba sejra tilqa' l-aggravju tal-preskrizzjoni, se jkollha tnaqqas l-ammont likwidat mill-ewwel Qorti biex tillimitah għaż-żmien li ma kienx waqa' bil-preskrizzjoni;

34. Illi fuq dak il-kejl imħaddem mill-ewwel Qorti, għaż-żmien li l-atturi appellanti kienu għadhom fiż-żmien li jippretendu ħlas, din il-Qorti jidhrilha li l-kumpens xieraq dovut lill-atturi appellanti għas-serviġi li taw lil

Salvatore Grima għandu jkun ta' għaxart elef u mitejn u ħamsin ewro (€10,250) bl-imgħax fuq tali somma jibda miexi minn dakinhar li ngħatat is-sentenza appellata sal-jum tal-ħlas effettiv. Din is-somma tieħu b'qies li, s-serviġi ngħataw miż-żewġ atturi. Tqis ukoll il-fatt li, għalkemm Grima jidher li kien baqa' awtonomu sal-aħħar u li l-mewt tiegħu ma kinitx frott xi mard jew kundizzjoni ta' dgħjufija progressiva, seta' kien sar aktar dipendenti għall-ħtiġijiet tiegħu fuq l-atturi appellanti. Tqis ukoll il-fatt li l-atturi appellanti ma kinux qraba tiegħu. U, fuq kollox, tagħmel tagħha l-kriterji li nqdiet bihom l-ewwel Qorti biex waslet għal-likwidazzjoni li kien dehrilha xierqa;

**Decide:**

35. Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi:

**Tiċħad l-appell prinċipali** tal-atturi mis-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-2 ta' Diċembru, 2015, fil-kawża fl-ismijiet premessi, bħala mhux mistħoqq fil-fatt u fid-dritt;

**Tilqa' f'parti l-appell inċidentali** tal-Kuraturi Deputati maħtura biex jidhru għall-wirt battal ta' Salvatore Grima fl-imsemmija kawża safejn jirrigwarda l-ewwel aggravju tagħhom, imma **tiċħad l-istess appell** safejn jirrigwarda t-tieni aggravju; u

Għalhekk **tirriforma s-sentenza** appellata billi tħassar u tirrevoka l-imsemmija sentenza safejn ċaħdet l-eċċezzjoni ulterjuri tal-preskrizzjoni tal-ħames snin imqajma mill-Kuraturi Deputati, u, minflok, tilqa' l-imsemmija eċċezzjoni ulterjuri u tilqa' it-talbiet attriċi billi tillikwida l-kumpens rivedut li l-atturi appellanti jistħoqqilhom jitħallsu fis-somma ta' għaxart elef, mitejn u ħamsin ewro (€10,250), bl-imgħax fuq l-imsemmija somma b'seħħ minn dakinhar li ngħatat is-sentenza appellata sal-jum tal-ħlas effettiv; u

**Tordna** li l-**ispejjeż** marbuta mal-appell ewlieni u mal-appell inċidentali jitħallsu kwantu għal tliet kwarti ($^{3}/_{4}$) mill-atturi appellanti u kwart ($^{1}/_{4}$) mill-wirt ta' Salvatore Grima, filwaqt li l-ispejjeż tal-ewwel istanza jibqgħu kif determinati fis-sentenza appellata.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Joseph R. Micallef<br>Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
gr